MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 72/2005

Vincent Buttigieg

vs

Qala St. Joseph Football Club

Il-Qorti,

**Preskrizzjoni (Rinunzja) - Cessjoni ta' Kreditu - Surroga (Artikolu 1165 tal-Kodici Civili) - Ekwipollenza.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fill-11 ta` Awwissu 2007 li permezz taghha l-attur ippremetta li:

L-attur hu proprjetarju ta' fond bin-numri wiehed u sittin (61) u tnejn u sittin (62) fi Pjazza San Giusepp, Qala, Ghawdex.

Sas-sena elfejn u tnejn (2002) il-post kien okkupat mill-klabb konvenut.

B'kumpens ghal tali okkupazzjoni l-konvenut fadallu jhallas is-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000), liema kreditu gie assenjat lill-attur.

Minkejja li ghadda dan iz-zmien kollu l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Fil-fehma ta' l-attur id-debitu hu cert, likwidu u dovut u l-klabb m'ghandux eccezzjonijiet x'iressaq ghat-talbiet li sarulu u talab lill-Qorti sabiex tipprocedi ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12.

Talab ghalhekk sabiex din il-Qorti:-

1. Taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).
2. Tiddikjara lill-klabb konvenut debitur fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000).
3. Tikkundanna lill-klabb konvenut sabiex ihallas lill-attur din is-somma flimkien ma' l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija b'effett mid-data tal-konsenja lura tal-fond sad-data tal-hlas relattiv.

Rat id-digriet moghti fl-4 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu l-klabb konvenut inghata d-dritt li jikkontesta l-kawza u jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-23 ta' Novembru 2005 (fol. 10):-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16).
2. Fil-meritu u bla pregudizzju t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-fond qatt ma kien mikri mill-attur lill-Club konvenut u ghalhekk qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn il-kontendenti. Infatti malli l-attur xtara l-fond hawn fuq indikat talab lill-klabb sabiex johrog mill-istess fond u dan hekk ghamel.

3. Kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ma kien hemm l-ebda kumpens dovut u qatt ma gie assenjat xi kreditu.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) "b'kumpens" ghall-okkupazzjoni tal-fond bin-numru wiehed u sittin (61) u tnejn u sittin (62), Pjazza San Giusepp, Qala, Ghawdex ghall-perjodu minn Gunju 1996 sa Gunju 2002, liema kreditu l-attur qieghed isostni li gie assenjat lilu minn John Mary Portelli.

2. Ikun utli jekk fil-qasir jigi riprodott dak li rrizulta mix-xhieda li ressqu l-kontendenti:-

- **<u>John Mary Portelli (affidavit fol. 15)</u>** – kien proprjetarju tal- 61 u 62, Pjazza San Giusepp, Qala, Ghawdex u bieghu lill-attur b'kuntratt tal-24 ta' Mejju 2002 fl-atti tan-nutar Enzo Dimech. F'Gunju 1996 kien ta l-post b'kera lill-klabb konvenut bir-rata ta' disgha liri Maltin (Lm9) kuljum u li l-uniku pagament li qatt ircieva kien fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) fil-bidu tas-sena 2001. Zied ighid li *"meta bieghejt il-fond lil Buttigieg, huwa hallasni Lm15,000 akkont ta' din il-kera u jiena ghaddejtlu wkoll id-dritt li jigbor il-hlas ta' dan l-ammont minghand il-Kumitat"*. In kontro-ezami (seduta tat-28 ta' Marzu 2006[1]) ikkonferma li ftehim ta' lokazzjoni bil-miktub qatt ma sar u li meta biegh il-fond lill-attur kien fadal x'tithallas erbgha (4) snin kera u li fir-rigward tas-sena 2001 kien accetta kera ridotta u rrinunzja ghal bilanc ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500). Fil-kuntratt ta' bejgh ma kien issemma xejn dwar l-arretrati ta' kera li

[1] Fol. 20-21.

kienu dovuti, izda ighid li rcieva l-hlas ta' erbgha (4) snin kera.

- **<u>L-attur (dikjarazzjoni fol. 25 li giet konfermata bil-gurament fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2006)</u>** – F'Gunju 1996 il-klabb konvenut kien akkwista b'kera l-fond fuq imsemmi versu korrispettiv ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) fis-sena. Matul dan il-perjodu ma thallset l-ebda kera bl-eccezzjoni ghas-sena 2001 meta thallset is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500). Is-sid kien hafer il-bilanc ghal din is-sena. Il-kera ghalqet f'Gunju 2001 u fadal bilanc ta' Lm15,000. Ikkonferma li meta xtara l-post minghand John Mary Portelli kien intlehaq ftehim li permezz tieghu l-attur hallas l-arretrati ta' kera fl-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) lill-venditur. Skond l-attur il-Kumitat tal-klabb kien konxju minn dan id-debitu u f'Gunju 2002 kienet saret laqgha fejn il-membri kollha tal-Kumitat accettaw id-dejn. F'Settembru 2003 il-Kumitat tal-klabb konvenut kien gie nfurmat li l-attur kien sar is-sid il-gdid tal-fond.

- **<u>Raymond Mifsud (fol. 32-33)</u>**[2] – kien ghamel perjodu ta' inqas minn hames (5) snin jokkupa l-kariga ta' kaxxier u membru tal-kumitat tal-klabb konvenut. Ikkonferma li l-klabb kien kera l-fond 61 u 62, Pjazza San Guzepp, Qala fejn kellhom bar u jlaqqghu l-membri tal-klabb. Kien prezenti meta ltaqghu mas-sid u ftehemu fuq kera ta' madwar tlett elef lira Maltija (Lm3,000) fis-sena. Minhabba spejjez li kellu l-klabb kien hemm problemi finanzjarji u l-kera ma kienitx tithallas hlief ghal pagamenti zghar. Is-sid kien ighidilhom sabiex l-ewwel ihallsu d-dejn l-iehor u fil-fatt dan thallas. Madankollu l-kera baqghet ma thallsitx. Ikkonferma wkoll li kemm dam jifforma parti mill-kumitat, qatt ma rcevew xi ittra legali jew att gudizzjarju ghall-hlas tal-kera.

- **<u>Albert Mizzi (fol. 34)</u>**[3] – Ghamel zmien fil-kumitat tal-klabb konvenut u *"tlaqt mill-klabb mis-sena elfejn (2000)"*. Kien sar ftehim ta' kera ma' John Mary Portelli

---

[2] Seduta tat-12 ta' April 2007.
[3] Seduta tat-12 ta' April 2007.

dwar il-fond fuq imsemmi sabiex jintuza mill-klabb. Il-ftehim sar bil-miktub u kien ha sehem attiv sabiex sar dan il-ftehim. Kera qatt ma thallset u jaf li s-sid kien ighidilhom sabiex l-ewwel ihallsu d-dejn tal-klabb ghaliex hu kien lest li jistenna.

- **Anthony Camilleri (fol. 37-38)**[4] – Fil-perjodu 2002 – 2003 kien jokkupa l-kariga ta' kaxxier mal-klabb konvenut. Mistoqsi jekk kienx jaf xi haga dwar ftehim ta' kera wiegeb li ma kienx jaf. Fil-perjodu li kien jokkupa din il-kariga qatt hadd ma talbu xi flus bhala hlas ta' kera. Qal ukoll li l-kaxxier ta' qablu m'ghaddielux accounts. Il-kumitat ta' qabel dak li kien jifforma parti minnu x-xhud kien kompost mill-attur, Raymond Mifsud u Albert Mizzi. Kien tkellem ma' John Mary Portelli (sid il-fond) u dan kien ikkonfermalu li kellu jiehu madwar hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) bhala arretrati ta' kera. Minn meta ha l-kariga ta' kaxxier kien beda pagna gdida u ma kienx jaf x'sar mill-predecessur tieghu.

- **John Cefai (fol. 39-40)**[5] – Kaxxier prezenti tal-klabb u ilu jokkupa din il-kariga mis-sena 2004. Il-klabb kien minn dejjem jafu jopera mill-fond fuq imsemmi u s-sid ma kienx jithallas korrispettiv talli jintuza l-fond. Ikkonferma li kien hemm zmien meta l-kumitat tal-klabb kien kompost mill-attur, Raymond Mifsud u Albert Mizzi. Kien f'dan iz-zmien li kien thajjar li jikkontesta ghall-Kumitat tal-klabb. Iddikjara wkoll li ma kienx jaf xejn dwar hlas ta' kera. Fis-sena 2004 kienet saret laqgha u l-hlas ta' kera kien wiehed mis-suggetti li kellu jigi diskuss. Ghal din il-laqgha kien attenda wkoll is-segretarju tal-Gozo Football Association. Inoltre, kienet saret talba lill-attur sabiex ighaddi d-dokumenti lill-Kumitat il-gdid. Waqt din il-laqgha kien inqala' argument u l-attur kien irrifjuta li jghaddi inkartament. Ikkonferma wkoll li *"ahna bdejna nghidu illi ahna ma ridnix nichud mill-hlas ta' dak li seta' kien dovut pero' ridna naraw id-dokumenti bil-miktub"*. Spjega wkoll li mill-accounts li kienu jinzammu minn Anthony Camilleri ma kienx jirrizulta li hemm xi arretratri ta' kera x'jithallsu.

[4] Seduta tal-21 ta' Gunju 2007.
[5] Seduta tal-21 ta' Gunju 2007.

Ikkonferma li fiz-zmien li l-fond kien ghadu proprjeta' ta' John Mary Portelli kien attenda f'laqgha li saret mas-sid u li fiha kienet giet diskuss il-kera tal-fond in kwistjoni. Qal ukoll li fl-accounts tal-klabb tissemma c-cifra li qieghed jippretendi l-attur pero' hemm kwalifika fis-sens li l-kwistjoni ghadha pendenti.

- **Paul Buttigieg (fol. 47-48)**[6] - Jokkupa l-kariga ta' President u ilu fil-kumitat tal-klab ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin. L-ewwel laqgha li sar jifforma parti mill-kumitat kienet saret laqgha generali u fiha l-attur beda jsostni li ghandu jithallas is-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (lm15,000) bhala arretrati ta' kera. Kien talab lill-atturi biex juri dokumenti il jikkonfermaw dak li kien qieghed jallega, izda dan wiegeb li ma kellux dokumenti x'juri. Il-pendenzi ma kienux jirrizultaw mill-kotba tal-klabb. Kemm ilu jifforma parti mill-kumitat tal-klabb din ic-cifra qeghda kull sena titnizzel bhala *contingent liability*. Min-naha tieghu qatt ma tkellem ma' John Mary Portelli dwar hlas ta' arretrati ta' kera. Il-kumitat ta' qabel dak li beda jifforma parti minnu hu, kien jikkonsisti fi tlieta min-nies (l-attur, Raymond Mifsud u Albert Mizzi). Ghalkemm lill-attur talbu ghal darba darbtejn id-dokumenti, qatt ma nghataw.

- **Matthew Grima (fol. 62A-62B)**[7] – Jokkupa l-kariga ta' vici president tal-klabb. Kien ilu mis-sena 2001 involut attivament fil-klabb konvenut. Kien jokkupa l-kariga ta' president matul is-snin 2001 sa 2007. Qatt ma tkellem ma' John Mary Portelli dwar it-titolu li l-klabb kellu fuq il-post in kwistjoni. Jemmen li s-sid ma kienx ta l-fond ghall-uzu bhala "karita" pero' ma kellux dettalji. Spjega wkoll li wara li l-attur kien xtara l-fond kienet saret laqgha fil-klabb fejn l-attur gharrafhom li kellu jircievi s-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) bhala arretrati ta' kera.

3. L-ewwel eccezzjoni li nghatat hi dik tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156(c) tal-Kodici Civili[8]. Fic-citazzjoni l-

[6] Seduta tal-21 ta' Gunju 2007.
[7] Seduta tal-10 ta' Ottubru 2007.
[8] *"L-azzjonijiet hawn that imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: omissis*

attur qieghed jitlob hlas ta’ kumpens ghall-uzu tal-fond mill-klabb konvenut u fl-ebda parti tac-citazzjoni ma jinghad li kien hemm xi kirja. Madankollu meta xehed spjega li l-hlas li kien qieghed jippretendi kienu arretrati ta’ kera li originarjament kienu dovuti lis-sid John Mary Portelli, liema arretrati l-attur isostni li thallas minnu. Min-naha tieghu John Mary Portelli kkonferma li l-ftehim kien ta’ kirja; *“it-terminu kien disa’ liri (Lm9) kuljum u t-terminu ta’ lokazzjoni kien ta’ ghaxar snin”* (fol. 20). Il-hlas qieghed jintalab ghall-perjodu minn Gunju 1996 sa Gunju 2002. Mill-provi rrizulta li John Mary Portelli kien ircieva minghand il-klabb is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500). Hemm diskrepanza bejn ix-xhieda ta’ John Mary Portelli u l-attur dwar il-perjodu li ghalih jirreferi l-hlas ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500), fis-sens li ta l-ewwel isostni li dan il-hlas kien jirreferi ghas-sena 1996 (fol. 20) filwaqt li l-attur jaghti x’jifhem li l-hlas sar fis-sena 2001 u kien jirreferi ghal dik is-sena (fol. 25). Pero’ t-tnejn li huma jaqblu li l-klabb beda juza dan il-fond f’Gunju 1996. Ghalhekk peress li jsostnu li l-hlas sar *“fil-bidu tas-sena 2001”*, presumibilment ma kienx jirreferi ghal dik is-sena. Il-kawza giet prezentata fil-11 ta’ Awwissu 2005 u precedentement l-attur kien ipprezenta ittra ufficjali fl-4 ta’ Marzu 2005) li giet notifikata fil-5 ta’ Mejju 2005.

Fejn tinghata eccezzjoni ta’ preskrizzjoni estintiva, il-konvenut ma jrid juri xejn ghajr li l-provvediment tal-ligi li jiccita jkun applikabbli ghall-kaz u li l-perjodu jkun ghadda. Imbaghad jispetta lill-attur li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni; *“il-konvenut li jecepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepieta hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jghazel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizjorju”* (**Joseph Aquilina nomine vs Edgar**

---

*(c) l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kera ta’ bini jew ta’ raba”.*

**Ellul** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[9] fis-16 ta' Gunju 1994).

Ghal finijiet ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta' att gudizzjarju, f'dan il-kaz il-hames (5) snin jirreferu ghall-perjodu minn Marzu 2000 sa Marzu 2005 (data meta gie prezentat l-ewwel att gudizzjarju[10]). Mill-provi rajna kif f'Gunju 2002 il-klabb hareg mill-post in kwistjoni.
Bla pregudizzju ghal dak li ser jinghad iktar 'il quddiem, rilevanti wkoll li jsiru dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(a) Il-Qorti m'hijiex sodisfatta li fir-rigward tal-perjodu qabel Marzu 2000 tressqu xi provi li juru li kien hemm xi interruzzjoni jew rinunzja ta' preskrizzjoni. Il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) ma jistghux iservu bhala rinunzja jew interruzzjoni ghas-snin ta' qabel in kwantu mix-xhieda ta' John Mary Portelli (l-awtur ta' l-attur) hu evidenti li l-hlas kien sar ghal sena partikolari, igifieri 1996 u mhux bhala hlas akkont ta' l-arretrati ta' kera ghas-snin ta' qabel. F'tali cirkostanzi l-pagament ma setax iservi ta' interruzzjoni ghas-snin ta' qabel;

(b) Il-fatt li fl-accounts ghas-sena li ghalqet fit-30 ta' Gunju 2004 hemm notament *Contingent Liability – "As at 30 June 2004 Qala St. Joseph F.C. had a contingent liability amounting to Lm15,000 with a third party, which is deemed to have arisen during the period June 1996 to June 2002"*. Din id-dikjarazzjoni ma tfissirx ammissjoni ta' dejn imma notament fl-accounts li hemm incertezza fuq din il-kwistjoni. Ovvjament ghaliex hemm din il-kawza li ghadha pendenti. Il-kliem "contingent liability" hu dejn li jista' jkunu jew jista' ma jkunx dovut, skond l-ezitu ta' grajja li ghad trid tigri bhal kawza. Ghalkemm fil-kotba ta' kumpannija ssir riferenza ghalihom normalment ma jitnizzlux fir-rendikont ta' bilanc tal-kumpannija. Fil-fatt mid-dokumenti (fol. 58-62) insibu biss in notament fuq citat.

---

[9] Imhallef Joseph Said Pullicino.
[10] Artikolu 2128 tal-Kodici Civili: *"Il-preskrizzjoni tinksier allavolja t-talba, il-protest, jew att gudizzjarju iehor ikunu nulli minhabba difett ta' forma, jew minhabba li jkunu gew ipprezentati quddiem qorti li mhix il-qorti kompetenti"*.

(c) Vincent Buttigieg xehed li *"Il-Kumitat tal-Qala St. Joseph kien konxju tas-somma ta' Lm15,000 (Hmistax il-Elf Lira) dovuta bhala kera lis-Sur Portelli u xhieda ta' dan kienet laqgha li saret mal-istess Sur Portelli f'Gunju 2002 fejn il-membri kollha tal-Kumitat accettaw dan id-dejn u urew it-thassib taghhom biex din is-somma tithallas ghax ma kienx xieraq li s-sur Portelli jbati t-telf ta' somma daqshekk kbira"* (fol. 25). Dikjarazzjoni li ma ssib l-ebda korraborazzjoni mix-xhieda li ressaq l-attur. Min-naha l-ohra mix-xhieda li ressaq il-klabb konvenut hu evidenti li l-posizzjoni li ha l-klabb kienet li fl-ewwel lok kellhom jigu prezentati d-dokumenti li kienu juru li l-hlas kien fir-realta' dovut. Min-naha tieghu l-attur ippretenda li l-kumitat tal-klabb joqghod fuq il-kelma tal-attur.

(d) Il-fatt li l-kumitat tal-klabb talab lill-attur sabiex ighaddilu d-dokumenti li kienu jaghtu prova ta' dak li kien qieghed jallega l-attur, ma jfissirx b'daqshekk li l-klabb kien qieghed jammetti li hu debitur tal-attur. Paul Buttigieg iddikjara li min-naha tieghu kien talab lill-attur sabiex *"....jurina dokumenti illi kienu jsostnu dak li qieghed jghid hu, jigifieri li kien hemm xi arretrati ta' kera fl-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000)"* (fol. 47). B'dan il-fatt wahdu l-Qorti m'hijiex tirravviza xi ammissjoni min-naha tal-klabb ghall-kreditu pretiz mill-attur. Kienet tkun differenti l-kwistjoni kieku per ezempju l-kontestazzjoni bejn il-partijiet kienet dwar il-*quantum*. Fic-cirkostanzi attwali l-Qorti m'hijiex tal-fehma li jista' jinghad li sehhet rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni; *"....vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e la espressione come sopra usata dal convenuto (li ma kellux jaghti daqshekk) dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore, ma non riconosceva comes esatta la somma da costui pretesa"* (Vol. XXVI.i.441) citata fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Guillamier vs Joseph Cassar Aveta nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Dicembru 1998. Fil-kaz tal-lum hu evidenti li qatt ma kien hemm mument fejn il-klabb qal lill-attur li ser ihallsu. Mill-provi rrizulta wkoll li l-laqgha li kienet saret ma' l-attur kienet wahda movimentata u sahansitra l-attur kien telaq il-barra minn dik il-laqgha in

kwantu hassu urtat ghaliex fehem li l-kumitat kien qieghed jiddubita minn dak li kien qieghed ighid l-attur. Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni hi aljenazzjoni favur il-kreditur ta' dritt akkwistat mid-debitur;*"affinche' possa aversi la tacita rinunzia alla prescrizione, fa d'uopo che glie atti dai quali pretendersi emergere si fatta rinunzia, sieno tali per loro natura da dare necessariamente suppore e ritenere l'abbandono del diritto quesito con la prescrizione"* (minn decizjoni moghtija mill-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Firenze fl-4 ta' Lulju 1887 u citata fis-sentenza pubblikata fil-Volum XXIX.i.326). Sahansitra fis-sentenza pubblikata fil-Volum XXXIII.i.44 inghad, *"Kien jirrizulta dubju serju jekk l-attur kienx bl-azzjonijiet tieghu intenda li jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu. Fejn jezisti dan id-dubju dan kellu jkun deciz favur il-persuna kontra min ir-rinunzja tad-dritt ikun gie allegat"*. Is-semplici talba tad-dokumenti, ma tistax tigi kwalifikata bhal xi aljenazzjoni ta' dritt akkwistat mid-debitur[11].

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi milqugha ghall-perjodu ta' qabel Marzu 2000.

(e) Il-Qorti ma taqbilx li x-xhieda moghtija minn Matthew Grima tista' sservi ghal finijiet ta' rikonoxximent tad-dejn. X'jahseb wiehed mill-membri tal-Kumitat tal-klabb ma jistax jaghti lok ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni favur il-klabb konvenut.

Madankollu, hemm elementi li jimmilitaw kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-Artikolu 2156(c) tal-Kodici Civili, in kwantu mill-provi rrizulta li:-

---

[11] Ara wkoll **Cutrico Services Limited vs Darwin International Limited** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Novembru 2007: *"Is-senjalazzjonijiet li jissoktaw johorgu mill-gurisprudenza taghna fuq it-tematika jtendu fid-direzzjoni illi ma tistax tikkonfigura r-rinunzja tacita mis-semplici nuqqas ta' rejazzjoni tal-parti ghall-interpellazzjoni tal-kreditur jew, inkella, ghax dan ikun accetta d-diskussjoni tal-mertu tal-pretiza tal-kontroparti, jew ghax ikun talab il-kont. A propozitu, issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet "**Carmelo Cassar et -vs- Avukat Dottor Paolo Azzopardi nomine et**", Appell Civili, 4 ta' Novembru 1935 u "**Francesco Desira -vs- Isidoro Micallef**", Appell Inferjuri, 10 ta' Jannar 1953. Aktar pertinenti ghas-sottomissjoni maghmula mis-socjeta` appellanti hi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, tat-18 ta' Marzu 1977 in re: "**Carmelo Galea -vs- Dottor Albert Camilleri nomine**".*

(a) Is-sid kien ta lill-klabb konvenut *moratorium* peress li kien ghaddej minn problemi finanzjarji u kellu dejn ma' terzi. F'dan ir-rigward issir riferenza ghax-xhieda ta':-

**Raymond Mifsud** (seduta 12 ta' April 2007):- *"Portelli kien jitkellem maghna. Hu kien jghidilna, 'l-ewwel hudu hsieb ehilsu mid-dejn tat-team'. Id-dejn kien ukoll thallas. Fil-fatt kien hemm kreditur illi ried lili u membru iehor nidhlu naghmlu tajjeb personalment; kien sar ukoll kuntratt ghand l-Avukat Chris Said pero' nista' nghid illi d-dejn thallas. Pero' ahna xorta ma hallsnihiex il-kera minkejja l-fatt illi konna hallasna d-dejn li kellna ma' haddiehor"* (fol. 32).

**Albert Mizzi** (seduta 12 ta' April 2007): *"Fi zmieni qatt ma naf li thallset kera. Gamri Portelli kien qalilna li sakemm ahna nhallsu dejn iehor hu kien lest illi jissaportina. Sakemm bqajt fil-klabb jigifieri sas-sena elfejn (2000) id-dejn kien ghadu ma thallasx. Lanqas niftakar meta sar il-ftehim ta' kera"* (fol. 33).
Dawn ix-xhieda kienu membri tal-kumitat (kif kien l-attur) u minn din ix-xhieda jidher li kien hemm qbil li qabel isir il-hlas lil John Mary Portelli l-klabb kellu jehles mid-dejn li kellu ma' terzi. Ghalhekk f'tali cirkostanzi ma tiddekorrix il-preskrizzjoni. Jekk kien hemm dan il-qbil bejn il-kumitat u s-sid tal-post, dan ta' l-ahhar ma setax jezercita l-jedd tieghu qabel il-klabb hallas id-dejn li kellu mat-terzi. Ghalhekk il-preskrizzjoni estintiva ma tapplikax ghal dan il-perjodu.

(b) Iktar importanti hi li John Mary Portelli (sid originali tal-fond) xehed:- *"Il-kera kienet disa' liri (Lm9) kuljum u t-terminu ta' lokazzjoni kien ta' **ghaxar snin**"* (fol. 20) u li *"ftehim tal-kera bil-miktub qatt ma sar pero'."* (fol. 21). Id-dikjarazzjoni dwar it-terminu ma giet bl-ebda mod kontestata mill-attur. Kif tajjeb osserva l-klabb konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-23 ta' Novembru 2007, il-kiri ta' bini ghal iktar minn sentejn irid isir bil-miktub **"*taht piena ta' nullita*"** (Artikolu 1233 tal-Kodici

Civili)[12]. Fil-fehma tal-Qorti lanqas mhu possibbli li wiehed per ezempju jqies li l-kirja hi valida ghall-ewwel sentejn, in kwantu l-ligi hi cara fis-sens li kirja ghal zmien ta' iktar minn sentejn ghal dak li hu bini trid issir bil-miktub u fin-nuqqas il-ligi tikkontempla n-nullita'. Il-kirja hi wahda u m'ghandix tigi maqsuma. Mela ma jistax jinghad li kien hemm kirja u ghalhekk l-Artikolu 2156(c) tal-Kodici Civili ma japplikax.

4. Fil-meritu, permezz tat-tieni eccezzjoni l-klabb konvenut qieghed isostni li l-fond qatt ma kien mikri mill-attur u *"ghalhekk qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn l-kontendenti"* (fol. 10). Mic-citazzjoni hu evidenti li l-attur m'huwiex ighid li dahal f'xi ftehim ta' lokazzjoni mal-klabb konvenut imma qieghed jippretendi l-hlas tas-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) ghaliex isostni li ***"....l-kreditu gie assenjat lill-attur"*** (premessi tac-citazzjoni). Ghalhekk din l-eccezzjoni hi wkoll infondata in kwantu hu jippretendi li ha post John Mary Portelli bhala kreditur.

5. Kif diga' gie osservat, minn qari tac-citazzjoni hu evidenti li l-azzjoni hi bazata fuq il-premessa li l-klabb konvenut hu debitur fis-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) ghall-hlas ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond ***"liema kreditu gie assenjat lill-attur"***[13]. Ghalkemm kif diga' rajna m'hemmx lokazzjoni, dan m'huwiex ta' ostakolu biex il-Qorti tipprosegwi bil-konsiderazzjoni tal-pretenzjoni tal-attur. Bla pregudizzju gahl dak li ser jinghad iktar 'il quddiem, il-principju generali kif konfermat fil-kawza fl-ismijiet **Alice Amato nomine vs Vivian B. De Gray** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru 1958[14], hu li *"... t-termini wzati f'atti gudizzjarji formali, bhal ma hu l-att tac-citazzjoni ghandhom jittiehdu u jittiehdu biss fis-sens guridiku taghhom, u mhux fis-sens tal-*

---

[12] Ara sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Kummercjali) fil-kawza **Gerald Vella et vs Avukat Dottor Joseph Cassar nomine** deciza fl-24 ta' April 1967 (Vol. LI.i.568) u **Maria Micallef et vs John Galea et** deciza fid-9 ta' Gunju 1967 (Vol. LI.i.379).
[13] Ara premessi tac-citazzjoni u dikjarazzjoni guramentata.
[14] Vol. XLII.i.587.

*lingwagg popolari ta' nies profani ghall-ligi. Xort'ohra, il-konsegwenzi jkunu kaotici"*. Intqal ukoll li *"Huwa principju maghruf illi fl-ghoti ta' sentenza l-imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni (**Kollez. Vol. XLIX P I p 406**). Fuq kollox huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 85**). Is-sentenza ghalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (**Kollez. Vol. XLVIII P II p 777**)"* (**Grobett Holdings Limited vs Steve Abela et proprio et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell[15] fl-10 ta' Ottubru 2005). Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Jannar 1964 fl-ismijiet **Joseph Difesa et nomine vs Avukat Dr. Joseph Cassar et nomine[16]** gie osservat:-

*"Li, l-kawzali tad-domanda hija dik li hemm espressa fic-citazzjoni u ma tistax tigi mibdula (Kollezz. XXXIV.i.85) u mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti min dik espressa fic-citazzjoni...........*

*Li, anqas ma huwa l-kaz ta' kawza li mhux espressa sewwa fic-citazzjoni li mbaghad tirrizulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjoni, u anqas ma huwa il-kaz ta' kawza li mfissra aktarx lakonikament; f'liema ipotesijiet il-Qrati taghna addottaw is-sistema liberali tal-validita' tac-citazzjoni in bazi ghall-kriterju ga' fuq riferit tal-ekwipollenza (Kollez. VI.441,111; XXXIV.501)"*.

Tqum il-kwistjoni jekk fic-citazzjoni l-attur huwiex jibbaza l-kawza fuq cessjoni ta' kreditu jew pagament b'surroga. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-attur isostni li l-kaz hu wiehed ta' pagament b'surroga.

Ic-cessjoni ta' krediti hi regolata mill-Artikoli 1469 – 1484 tal-Kodici Civli (Kap. 16). Negozju li permezz tieghu il-

[15] Imhallef Philip Sciberras.
[16] Volum XLVIII.ii.777.

kreditur (cedent) jittrasferixxi d-dritt tal-kreditu lil terz (ic-cessjonarju), u bhala negozju jidhol fil-kategorija ta' atti ta' aljenazzjoni; *"la cessione ha per oggetto il trasferimento di un diritto di credito. Sotto questo riguardo il negozio si differenzia rispetto alla cessione del contratto, la quale ha per oggetto il trasferimento di un rapporto contrattuale a prestazioni non ancora eseguite, ossia la complessiva posizione di diritti ed obbligi scaturenti dal contratto. In qaunto la cessione del contratto comporta la sostituzione della parte tenuta all'esecuzione del rapporto, essa richiede il consenso della parte ceduta. Questo consenso non e' invece di regola necessario per la cessione del credito poiche' il cedente aliena una semplice pretes creditoria, e per il debitore ceduto e' normalmente indifferente eseguire la prestazione ad un nuovo avente diritto."* (Diritto Civile, C. Massimo Bianca, Dott. A. Giuffre' Editore, 1993, Volum IV *L'Obbligazione*, pagna 571). Skond l-Artikolu 1470*"ic-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub"*. Kitba li hi mehtiega mhux *ad probationem tantum* izda *ad solemnitatem* (ara sentenza fil-Volum XXXII.i.620)[17].

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-attur isostni li ***"....... hu gie surrogat fil-jeddijiet tal-kreditur Joseph Mary Portelli abbazi ta' l-artikolu 1165 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Skond dan l-artikolu, min ihallas id-dejn jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur b'konvenzjoni, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-hlas"* (sottolinejar tal-Qorti). L-Artikolu 1165 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jaqra:-

*"(1) Min ihallas id-dejn jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur, b'konvenzjoni –*

---

[17] *"Hija gurisprudenza ormai pacifika li **biex ikun hemm cessjoni ta' dritt**, inkluz anki d-dritt ta' inkwilinat, **jehtieg li c-cessjoni ssir bil-miktub**"* (**Mary Fenech et vs Carmelo Ellul et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Gunju 1990); *"Gustament fuq dan il-punt l-ewwel Qorti rrilevat illi legalment ma setax kien hemm cessjoni vera u proprja tal-kirja in kwantu fis-sens strett tal-Kodici Civili jinsab kontemplat illi gjaladarba c-cessjoni hija bejgh ta' kreditu, ta' jedd jew ta' azzjoni (Artikolu 1469), dak il-Kodici jesigi "ad validitatem" li c-cessjoni ssir bil-miktub (Artikolu 1470),oltre li jrid ukoll ikun hemm korrispettiv li hu rekwizit essenzjali ta' kull xorta ta' bejgh u ta' assenjazzjoni"* (**Rita Pirotta vs Simone Carbonaro** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef P. Sciberras) fis-17 ta' Novembru 2004).

*(a) meta l-kreditur idahhal floku l-persuna li minghandha jiehu l-hlas fil-jeddijiet tieghu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-hlas"*.

Fil-ligi Taljana l-Artikolu 1201 jipprovdi:-

*"Il creditore, ricevendo il pagamento da un terzo, puo' surrogarlo nei propri diritti. La surrogazione deve essere fatta in mod espresso e contemporaneamente al pagamento"*.

Fil-kaz ta' surroga m'hemmx il-htiega ta' ftehim bil-miktub. Kull ma titlob il-ligi hi konvenzjoni, minghajr ma tikkwalifika li hi mehtiega l-kitba *ad validitatem*. Ghalhekk is-surrogat jakkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet tal-kreditur originali u dan jidhol fl-istess posizzjoni identika, sostanzjali u processwali, tal-kreditur fil-konfront tat-terz li jkun debitur; *"Per surrogazione s'intende la sostituzione di un terzo, che soddisfa il creditore, nei diritti del creditore stesso"* (*Novissimo Digesto Italiano*, Vol. XVIII, UTET pagna 964). Is-surroga trid ***".... ssir espressament u flimkien mal-hlas"***.

Id-differenza bejn surroga u cessjoni ta' kreditu giet spjegata b'dan il-mod: *"..... la surrogazione suppone che l'obbligazione sia adempiuta, che il creditore sia sodisfatto, la cessione che l'adempimento non si sia ancora verificato. La finalita' della surrogazione e', infatti, quella di agevolare l'adempimento verso il creditore originario con l'attribuire ad un terzo, che rende possibile l'adempimento, i diritti, e soprattutto le garanzie, che erano inerenti al rapporto obbligatorio"* (*Manuale di Diritto Privato*, Andrea Torrente u Piero Schlesinger, Giuffre' Ediutore, 1981, pagna 434)[18]. Hekk ukoll l-awtur Alberto Trabucchi (*Istituzioni di Diritto Civile*, Cedam, 1981) osserva, *"La surrogazione, come forma di successione di*

---

[18] *"La differenza fra la surrogazione del terzo per volonta' del creditore e la cessione di credito consiste esclusivamente nel fatto che la prima presuppone che abbia luogo l'adempimento e che conseguentemente il creditore originario sia messo fuori causa; la seconda lascia intatto il rapporto obbligatorio, in modo che il nuovo creditore si sostituisce all'antico in un rapporto obbligatorio da adempiere (Cass. 29 aprile 1954, n. 1324)"* (*Codice Civile Annotato*, G. Pescatore u C. Ruperto, Dott. A. Giuffre' Editore, 1993 – Volum I pagna 1722).

*credito, si distingue dalla cessione volontaria fatta dal creditore a un terzo, perche' nella surrogazione si ha in primo luogo pagamento del debito, mentre nelle cessione l'alienante intende sopra tutto trasmettere il diritto preesistente"* (pagna 597)[19]. Madankollu hu accettat li l-hlas b'surroga ma jgibx l-estinzjoni tal-obbligazzjoni; *"La surrogazione prevista dall'art. 1201* ***non comporta l'estinzione del debito originario****, ma la modificazione soggettiva del rapp. obbligatorio, con la conseguenza che la struttura del rapp. obbligatorio rimane inalterata (84/4808)"* (*Commentario Breve al Codice Civile*, Giorgio Cian u Alberto Trabucchi, Cedam, 1996).

Bhala karatteristici principali li jiddistingwu c-cessjoni mis-surroga jistghu jigu ndividwati s-segwenti:-

1. Ic-cessjoni hi perfetta u l-proprjeta' hi trasferita *ipso jure* hekk kif isir *"...il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta c-cessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni"* (Artikolu 1469 tal-Kodici Civili). Is-surroga hi perfetta mal-hlas u anzi trid issir kontestwalment mal-hlas *".... perche' altrimenti chi paga estingue la obbligazione e non sarebbe quindi possibile una successione nel credito"* (ibid. Trabucchi, pagna 597).
2. Fil-kaz ta' cessjoni, ic-cessjonarju ghandu dritt jitlob il-kreditu kollu minghand id-debitur anke jekk il-prezz li ghalih ikun akkwista l-kreditu ikun inqas (kif normalment jigri) tal-valur tal-kreditu dovut lic-cedent. Min-naha l-ohra, is-surrogat jista' jitlob biss sal-massimu li jkun hallas lill-kreditur. Ghalhekk is-surrogat ma jistax jippretendi hlas ta' iktar milli jkun hallas; ***"... la surrogazione e' limitata all'ammontare della somma sborsata da chi ha pagato surrogandosi nei diritti del creditore, mentre nella cessione e' indifferente che il cedente abbia avuto l'intera somma del credito, che abbia avuto di meno, o che abbia anche fatto la cessione a titolo gratuito"*** (Trabucchi, pagna 598).

---

[19] *"La surrogazione, infatti, presuppone il pagamento del debito preesistente, mentre nella cessione, allorche' sia a titolo oneroso, il prezzo, a parte che potrebbe essere corrisposto successivamente, non ha affatto una funzione solutoria del debito preesistente"* (Ibid. *Novissimo Digesto Italiano* pagana 965).

3. Fil-kaz ta' hlas b'surroga b'konvenzjoni, il-ligi ma timponi l-ebda obbligu ta' notifika lid-debitur. Min-naha l-ohra f'cessjoni ta' kreditu, hi mehtiega d-denunzja lid-debitur b'att gudizzjarju sabiex ic-cessjonarju jkun jista' jezercita l-jeddijiet lilu ceduti (Artikolu 1471 tal-Kodici Civili). In-nuqqas ta' tali notifika ggib maghha certi konsegwenzi (ara l-Artikolu 1472 tal-Kodici Civili).
Jekk wiehed kellu jqies dan il-kaz bhala cessjoni ta' kreditu, ma tressqet l-ebda prova li sar xi ftehim bil-miktub bejn John Mary Portelli u l-attur. Anzi *ex admissis* fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attur gie dikjarat li *".... l-ftehim bejn l-attur u Portelli sar b'mod verbali"*. Il-ligi tipprovdi espressament li cessjoni li tkun saret mhux bil-miktub ma tiswiex.

Pero' fil-fehma tal-Qorti gialadarba l-effett reali taz-zewg operazzjonijiet tista' tghid li huma analogi, in kwantu jwasslu ghas-sostituzzjoni tal-persuna tal-kreditur u applikat ukoll il-principju ta' l-ekwipollenza m'hemmx ostakolu hi x'inhi l-interpretazzjoi li wiehed jaghti lill-kliem *"liema kreditu gie assenjat lill-attur"*[20]. Dwar il-kuncett ta' ekwipollenza ssir riferenza ghal din il-gurisprudenza:-

(a) Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph Said Pullicino) – **Giovanna Calleja vs Avukat Dottor Jose' Herrera et nomine** deciza fil-5 ta' Ottubru 1992 fejn saret riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Camilleri vs Giovanni Abdilla** tas-26 ta' Ottubru 1935 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[21] (Vol. XXIX.ii.698) fejn hemm riferenza ghal sentenzi li kienu kontra formalizmu rigidu. F'dan is-sens hi per ezempju s-sentenza moghtija fil-kawza Scicluna vs Notaro Carbone deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Novembru 1884 fejn kien gie osservat li: *"Tutta la difficolta' si risolve in un preteso formulismo nelle azioni giudizarie ormai abbandonato il quale farebbe rinculare la giurisprudenza fino al sistema proprio della sua infanzia, mentre l'attualita' addottata generalmente la teoria degli equipollenti"*.

---

[20] Premessi tac-citazzjoni.
[21] Imhallef William Harding.

(b) Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Giannino Caruana Demajo) – **Ivan Ciliberti et vs James Calleja** deciza fit-13 ta' Novembru 1998 fejn it-talba kienet ghall-hlas ta' kera. Mill-provi rrizulta li ma kienx hemm kirja; *"il-konvenuti qeghdin jitolbu 'rikumpens ta' kera'; dan ma jistax jinghata ghax il-fond ma kienx mikri, izda, biex ma jkunx sar arrikkiment indebitu, il-qorti xorta tista' tqis, per equipollens, talba ghall-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond"*.

(c) Qorti ta' l-Appell – **Paul Gauci vs Joseph Mugliette** deciza fid-9 ta' Frar 2001 fejn gie kkonfermat li l-formalizmu m'ghandux jeskludi *"... kull esercizzju legittimu ta' analogija anki per equipollens – ezercizzju dan illi hu wkoll rikonoxxut mill-gurisprudenza u li hu kultant mehtieg biex jaghti sinifikat korrett lill-azzjoni kif proposta, jiffavorixxi l-ekonomija tal-gudizzji u jassigura gustizzja bejn il-partijiet"*.

(d) Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Tonio Mallia) – **John Giordmaina et vs Joseph Pace et** deciza fis-16 ta' Jannar 2003.

John Mary Portelli xehed, ***"Meta bieghejt il-fond lil Buttigieg, huwa hallasni Lm15,000 akkont ta' din il-kera u jiena ghaddejtlu wkoll id-dritt li jigbor il-hlas ta' dan l-ammont minghand il-Kumitat"*** (fol. 15). Dikjarazzjoni li ma gietx kontestata jew b'xi mod ribattuta mill-klabb konvenut. Min-naha tieghu l-attur xehed permezz ta' affidavit: *"F'Mejju 2002 is-sur Portelli biegh il-bini tal-bar fil-pjazza lis-sur Vincent Buttigieg. Kundizzjoni bazika ta' dan il-bejgh kienet li s-sur Buttigieg ihallas is-somma ta' Lm15,000 (Hmistax il-Elf Lira) fuq il-prezz miftiehem biex jaghmel tajjeb ghall-kera li qatt ma thallset mill-Qala St. Joseph F.C. Dawn il-flus ghaddew kif jista' jixhed l-istess Sur Portelli"* (fol. 25). Ghalhekk jidher li kien hemm is-surroga li tikkontempla l-ligi. Mill-provi rrizulta kif meta l-attur ghamel l-offerta biex jixtri l-fond minghand John Mary Portelli ghall-prezz ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000), dan irrifjuta ghaliex kien hemm il-pagamenti dovuti mill-klabb konvenut. Irrizulta wkoll li ntlehaq ftehim fis-sens li l-attur hallas is-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) flimkien mal-prezz pattwit. Min-naha l-ohra, rajna kif ma tezisti l-ebda

lokazzjoni. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiddecidi fuq ftehim li l-ligi stess (Artikolu 1233 tal-Kodici Civili) tipprovdi li hu null. Madankollu l-klabb konvenut ghandu obbligu li jhallas kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond. Dritt li jispetta llum lill-attur bhala l-persuna surrogata fid-drittijiet ta' John Mary Portelli u ghalhekk dahal fil-posizzjoni tieghu. Rilevanti li ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Joseph Albanese et vs Michelina Sare' et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 1955[22]:- *"..... **hu maghruf li min ihallas id-dejn jidhol fi-drittijiet tal-kreditur (art. 1208 Kod. Civ), u jidhol fil-pozizzjoni tieghu**. Minn hawn, kif jghid Antonio Butera, "il surrogato esercita tutti i diritti del surrogante, siano principali che accessori, personali o reali, non solo di fronte al debitore, ma anche rispetto ai condebitori ed ai terzi.... il diritto acquistato dal surrogato e quello stesso che gia' apparteneva al surrogante ..... Cosi e' manifesto che il diritto presso il nuovo titolare produce gli stessi interessi conenzionali ed e' colpito dall medesima prescrizione" (Digesto Italiano, Surrogazione, Pagamento con, 90). U kien ghalhekk illi l-Giorgi kkonkluda illi "circa della surrogazione .... l'azione derivante dalla surroga va intesa, di regola, in senso latissimo .... e comprende tutti quei diritti che il surrogante aveva in ragion del credito anche contro i terzi non tenuti ne' personalmente ne' realment al pagamento" (Obbligazioni VII, 245 pag. 304)"*. Fin-nuqqas il-klabb konvenut ikun qieghed jarrikkixxi ruhu indebitament gialadarba mill-provi ma rrizultax li l-uzu tal-fond inghata gratuwitament lill-klabb konvenut (ara per ezempju xhieda ta' John Cefai, Anthony Camilleri, u Matthew Grima).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-klabb konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

2. Tiddikjara li l-attur ghandu dritt ghall-hlas ta' kumpens ghall-okkupazzjoni b'dan li ghal finijiet tat-tieni u t-tielet talba tal-attur qeghda f'dan l-istadju tinnomina lill-

[22] Vol. XXXIX.ii.585.

perit Joseph Ellul Vincenti sabiex wara li jaghmel access fil-post numru wiehed u sittin (61) u tnejn u sittin (62), Pjazza San Guzepp, Qala, Ghawdex jaghmel stima ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni mill-klabb konvenut ghall-perjodu minn **Gunju 1997 sa Gunju 2002 (kalkolat b’rati ta’ dak iz-zmien)**. Il-perit tekniku ghandu jirrelata mhux iktar tard minn erbghin (40) gurnata mil-lum. Spejjez tal-perit tekniku huma provizorjament ghall-attur, b’dan li spejjez dwar it-talbiet tal-attur huma rizervati ghas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------